MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 373/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

***... omissis ...***
**Gilmore Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Gilmore Cachia talli:

(1) nhar-il Gimgha 16 ta’ Lulju 2004 f’Bugibba xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe` 97 compact discs konsistenti f’CD’s tal-muzika, DVDs u loghob tal-Playstation;

(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmi Gilmore Cachia ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Gilmore Cachia hati skond l-akkuza u, wara li rat l-artikoli 298 u 298B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Gilmore Cacia ghall-hlas ta' multa ta' €6,988.12 (ekwivalenti ghal Lm3,000). Inoltre ordnat il-konfiska tas-sitta u disghin *optical diskettes* li huma *counterfeit* u ordnat id-distruzzjoni mmedjata taghhom. Barra minn hekk, ai termini ta' l-artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta, issospendiet t-*trading license* ta' l-imsemmi Gilmore Cachia ghal perijodu ta' tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Gilmore Cachia pprezentat fis-16 ta' Dicembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata f'dik il-parti li tirrigwarda lilu jew, alternattivament, tirrevoka l-istess sentenza u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) preliminarjament, is-sentenza appellata hi nulla peress illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkwota l-artikolu relevanti tar-recidiva li biha huwa kien ukoll akkuzat u dan kontra dak dispost mil-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (2) l-ewwel Qorti ma steghetx issib htija fih peress illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li huwa kellu xi ness mas-CDs misjuba. Il-fatt li l-appellant kien involut f’incident simili fil-passat ma jistax jintuza bhala prova kontra tieghu hlief, ovvjament, ghal dak li jirrigwarda r-recidiva.

Dwar l-ewwel aggravju, l-artikolu 382 jghid: **“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra <u>li tkun tikkontempla r-reat</u>.”** (sottolinear ta’ din il-Qorti)

L-imputazzjoni ta’ recidiva mhijiex imputazzjoni dwar “reat” u sejbien minn Qorti li persuna hija recidiva tinfluwixxi biss semmai fuq il-piena. Ghalhekk bin-nuqqas ta’ l-ewwel Qorti li tirreferi ghall-artikoli relevanti tar-recidiva, is-sentenza appellata ma tistax titqies nulla. Konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

Pero`, kif tajjeb osserva d-difensur ta’ l-appellant waqt is-seduta, ghalkemm fis-sentenza giet iccitata l-imputazzjoni tar-recidiva, fl-akkuza originali li tinsab a fol. 1 u 2 tal-process din l-imputazzjoni ma tirrizultax. Inoltre ghalkemm mal-kopertina tal-process fuq wara hemm annessa akkuza fejn hemm inkluza tali imputazzjoni, minn imkien ma jirrizulta mill-atti li saret talba ghall-korrezzjoni jew ghal zieda fl-akkuza. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx tiehu konjizzjoni ta’ imputazzjoni li ma tifformax parti mill-atti.

It-tieni aggravju jehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, jinghad fl-ewwel lok illi ma tista’ tinstilet l-ebda inferenza mill-fatt li l-appellant ezercita d-dritt tieghu li ma jwiegeb xejn waqt l-interrogazzjoni kif l-anqas mill-fatt illi

ma xehedx waqt il-kawza. Inoltre kull kaz irid jigi deciz fuq il-mertu tieghu. Il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni in kwantu jirreferu ghall-appellant Gilmore Cachia huma s-segwenti.

L-Ispettur Angelo Gafa` xehed fl-10 ta' Dicembru 2004 quddiem l-ewwel Qorti: "Fis-16 ta' Lulju 2004 ... ghall-habta tat-8.00 p.m., jiena flimkien ma' P.C. 1226 u P.C. 960 morna Bugibba Promenade fejn hemmhekk sibna stall li kien immexxi minn Nazzareno Buhagiar li qed naghraf fuq in-naha tax-xellug, u Gilmore Cachia li kien hdejh dak il-hin ma kienx wara l-istall, kien hdejh."

P.C. 1226 Joseph Cutajar xehed li fuq informazzjoni li kienu qed jinbieghu CDs u DVDs ikkupjati, hu flimkien ma' l-Ispettur Gafa` u P.C. 960 marru Bugibba Promenade u "ftit qabel il-pjazza din rajnieha l-istall u waqaft bil-karozza u nzilna jien u l-Ispettur. Jiena kont inzilt wara l-Ispettur, morna identifikajna ruhna li ahna Pulizija u sibna lil Reno Buhagiar l-imputat wara l-istall. Gilmore kien hdejn l-istall mhux warajha. Minn hemmhekk ghamilna spezzjoni fuq x'inhuma jbieghu u elevajna s-CDs li huma 58 DVDs, 38 CDs u wahda playstation game. Elevajnihom u hrigna rcevuta temporanja u mbaghad meta gie Reno hrignilu rcevuta jigifieri bil-computer kif suppost."

Apparti dawn il-provi ma hemm xejn. Wiehed jista' jitkellem fuq suspett fl-appellant peress illi kien hdejn l-istall minn fejn gew elevati diski li kienu *counterfeit*, u kien diga` maghruf lill-Pulizija f'dan il-qasam, izda jista' jinghad illi b'daqshekk il-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz tah minghajr dubju ragjonevoli? Wara l-istall kien hemm persuna ohra, Nazzareno Buhagiar. Hemm xi prova li l-appellant kellu x'jaqsam mal-bejgh jew cirkolazzjoni tad-diski msemmija? L-ircevuta giet rilaxxata lil Nazzareno Buhagiar u mhux lill-appellant. X'riedu jfissru l-Pulizija li l-appellant kien "hdejn" l-istall? X'tip ta' allegata tmexxija kellu l-appellant fl-istall? X'sehem kellu, jekk kellu, l-appellant fid-diski in kwistjoni? Kien qieghed jassisti lil Buhagiar? Kemm kien ilu hdejn l-istall? Kien wara l-istall f'xi hin? X'kien qieghed jaghmel hdejn l-istall? Kien bilwieqfa jew bilqieghda? Kien qieghed jihhandilja d-diski? Kien hemm xi persuni hdejn l-istall li

kien qieghed jaqdi? L-ebda wahda minn dawn il-mistoqsijiet ma hemm risposta ghaliha peress illi ma kien hemm l-ebda perijodu ta' osservazzjoni mill-Pulizija u peress illi jidher illi assumew illi l-appellant kellu x'jaqsam ma' l-istall probabilment, kif inghad, minhabba li kien diga` maghruf ghalihom. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tghid li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli. Konsegwentement l-appell jimmerita akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant Gilmore Cachia hati ta' l-akkuza kif dedotta u kkundannatu multa ta' €6,988.12 (ekwivalenti ghal Lm3,000) u ssospendiet t-*trading license* tieghu ghal perijodu ta' tliet xhur, u minflok tiddikjara mhux hati ta' l-akkuza u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------